# Il-Prinċipji Fundamentali tal-Iżlam

Imħabba ta' Alla | Sottomissjoni lejn Alla | Ubbidjenza lejn Alla

Paċi għal Kulħadd | Imħabba għall-Umanità | Ħbiberija u Armonija



## Iżlam
### xi tfisser din il-kelma?

Iżlam litteralment tfisser paċi, sottomissjoni; u li tkun f'relazzjoni ta' ħbiberija u armonija. Is-sinifikat tal-isem Iżlam hu l-ksib ta' ħajja ta' paċi perfetta u hena billi tkun sottomess kompletament għar-Rieda ta' Alla. It-tagħlim kollu tal-Iżlam jaqbel man-natura umana. L-Iżlam hi reliġjon xjentifika u tagħraf il-verità tax-xjenza.

## Iżlam
### il-lezzjoni finali

L-Iżlam hu l-perfezzjoni tar-reliġjon mogħtija minn Alla fil-bidu tad-dinja, billi rrivela l-Koran permezz tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Hekk kif tifel żgħir jitgħallem l-alfabett, hekk ukoll Alla għallem ir-reliġjon lid-dinja gradwalment, ftit ftit.

Alla bagħat il-profeti u l-messaġġiera tiegħu fi żminijiet differenti u lil nies differenti, Adam ikun l-ewwel wieħed. Matul l-istadji differenti tal-evoluzzjoni fiżika u intellettwali, meta d-dinja laħqet stadju ta' fehim li kien meħtieġ għal-lezzjoni finali, Hu bagħat il-Ktieb finali u komplet, il-Koran Imqaddes.

L-Iżlam mhux biss jikkoreġi l-iżbalji li sabu ruħhom fihom diversi reliġjonijiet matul iż-żminijiet, iżda jipprietka l-veritajiet li ma kinux intqalu qabel, minħabba ċirkustanzi speċjali tas-soċjetà umana jew l-istadji bikrin tal-iżvilupp tagħha. L-Iżlam jilħaq il-ħtiġijiet kollha, kemm spiritwali kif ukoll morali, ta' soċjetà umana li dejjem qiegħda tiżviluppa aktar.

## L-Iskop
### tal-Ħajja Umana

Skont l-Iżlam, l-iskop tal-ħajja umana hu t-tranżizzjoni spiritwali kompleta, il-qima lejn Alla Wieħed u l-qadi tal-kreaturi tiegħu. L-Iżlam jgħallem li kulħadd għandu fih iż-żerriegħa ta' żvilupp perfett u huwa biss f'idejn il-bniedem li jilħaq jew jirrealizza l-potenzjal kollu, jew li ma jilħqux. Il-bnedmin maħluqin minn Alla ma jonqoshom xejn,

skont l-Iżlam.

L-Iżlam hu r-reliġjon li tipprovdi għarfien veru ta' Alla u tordna l-qima vera lejh. L-Iżlam jinsab fin-natura umana u l-bnedmin huma maħluqin konsistenti mal-Iżlam.

L-Iżlam jgħallem li l-ogħla fakultà tal-bniedem hi li jiltaqa' ma' Alla l-Għoli, permezz tal-purifikazzjoni tar-ruħ billi jqim lil Alla u jagħmel għemejjel tajba.

## L-Iżlam
### id-duttrina fundamentali tiegħu

Id-duttrina kardinali tal-Iżlam hi l-Unità ta' Alla. Ħadd ma ħaqqu qima ħlief Alla, u Muħammad[sa] hu l-Messaġġier tiegħu. Alla hu ħieles minn kull difett, Qaddis u traxxendenti. Hu kollu tjieba, kollu ħniena u kollu setgħa. Hu m'għandux sieħeb. Hu la nissel lanqas mhu mnissel, għaliex dawn huma karatteristiċi ta' umanità debboli u dgħajfa.

Barra minn hekk, l-Iżlam jgħinna nistabbilixxu relazzjoni permanenti ma' Alla u li nirrealizzawh matul ħajjitna f'din id-dinja bħala Dak li jgħinna f'kull ħaġa personali tagħna u f'kulma nagħmlu. Din l-Unità ta' Alla hi l-ewwel u l-aktar pilastru importanti tal-Iżlam u kull twemmin ieħor hu bbażat fuqu.

## Is-Sisien
### tal-Fidi Iżlamika

L-Iżlam jitlob li kull Musulman:

- Jemmen fl-Unità assoluta ta' Alla.
- Jemmen fl-Anġli ta' Alla kollha, li huma essri spiritwali maħluqa minn Alla biex jagħmlu dmirijiet varji mogħtija lilhom.
- Jemmen fil-kotba kollha rrivelati minn Alla li jinkludu l-Gita, it-Torah, is-Salmi, l-Evanġelji u l-Koran.
- Jemmen fil-Profeti u Messaġġiera ta' Alla li jinkludu Żoroaster, Konfuċju, Krixna, Budda, Abraham, Mosè, Ġesù u Muħammad (paċi tkun magħhom).
- Jemmen fl-Aħħar Jum tar-Resurrezzjoni u l-Ġudizzju tal-Umanità.
- Jemmen fid-Digriet ta' Alla, li jfisser jemmen illi kemm il-Liġijiet tan-Natura u l-Liġijiet tar-Reliġjon kienu ppjanati minn Alla u Hu biss għandu s-setgħa fuq dawn il-liġijiet li qed jitħaddmu fid-dinja.

# Il-Ħames
## pilastri tal-Iżlam

Hemm ħames pilastri fl-Iżlam, jew ħames atti ta' qima li għandhom isiru u li huma ordnati mill-Iżlam:

- Tingħata xhieda li ma hemm ħadd li jixraqlu qima ħlief Alla, u Muħammad[sa*] hu l-Qaddej u l-Messaġġier tiegħu.
- L-osservanza ta' talb, ħames darbiet kuljum.
- Sawm minn tlugħ sa nżul ix-xemx matul xahar kull sena.
- Jitħallas porzjon stabbilit ta' flus bħala karità fuq il-ġid akkumulat għall-benefiċċju tal-foqra u ta' dawk fil-bżonn.
- Pellegrinaġġ għall-Kaaba f'Mekka, fl-Arabja Sawdita, għall-anqas darba tul il-ħajja, jekk il-kundizzjonijiet jippermettu.

# L-Iżlam
## il-formula għall-Paċi

L-Iżlam jipprovdi pariri prattiċi għall-kisba ta' paċi interna u serħan tal-moħħ.

L-Iżlam hu utli daqskemm hu ta' benefiċċju għall-oqsma kollha tas-soċjetà umana. Jipprovdi gwida għal kulħadd u jistabbilixxi relazzjoni sigura u ċerta mal-Ħallieq għax dik hi t-triq sigura għall-paċi kompleta.



**Pellegrinaġġ għall-Kaaba, Mekka, fl-Arabja Sawdita.**

Il-Kaaba hi l-ewwel post imwaqqaf fid-dinja għall-qima ta' Alla. Dan il-post kien reġa' ġie mibni mill-Profeta Abraham[as], xi erbat elef sena ilu.

---

* *Sallallahu 'alaihi wa sallam,* li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

# Il-Koran
## il-Ktieb Imqaddes tal-Iżlam

Il-Koran Imqaddes hu l-Kelma ta' Alla u ġie rrivelat lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] matul perjodu ta' 23 sena kelma b'kelma.

Il-Koran Imqaddes jiġbor fih serje kbira ta' tagħlim u hu kodiċi ta' mġiba għall-umanità. Jiġbor fih aktar minn 700 kmandament li jagħtu gwida għal kull aspett tal-ħajja umana. Il-Koran jiġbor fih ukoll numru kbir ta' profeziji għall-futur.

Il-Koran Imqaddes hu ppriservat fl-ilsien Għarbi – l-istess ilsien li fih kien irrivelat. Hemm ħafna Musulmani li wkoll immemorizzaw il-Koran kollu kemm hu. Minkejja li ilu 'l fuq minn 1400 sena, it-test oriġinali Koraniku baqa' bla mittiefes – kif imwiegħed fil-Koran minn Alla nnifsu.

**"Tabilħaqq, aħna niżżilna din it-Tifkira (il-Koran), u Aħna tassew inħarsuha."**

(Il-Koran Imqaddes, 15:10)

It-tagħlim tiegħu ma ntmessx miż-żmien u ma hemmx bħalu. Jifforma manwal komplet, għall-bnedmin kollha ta' kull età u ta' kull razza. Jgħallem ġustizzja assoluta u jiddistingwi b'mod ċar it-tajjeb mill-ħażin.

It-tagħlim tiegħu jiġbor fih għerf profond. Jittratta argumenti importanti li jiffaċċjaw il-bnedmin fil-ħajja tagħhom ta' kuljum fi sforz biex jagħmlu l-ħajja ta' sodisfazzjon kemm jista' jkun.





# Muħammad[sa]

## Profeta tal-Iżlam

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] twieled f'Mekka, fl-Arabja Sawdita, fis-sitt seklu. Kien magħruf mal-Arabja kollha għall-onestà u l-pjetà. Hu kien ispirat bi mħabba qawwija għal Alla u għall-umanità.

Ta' erbgħin sena rċieva l-ewwel rivelazzjoni mingħand Alla. Alla ħatru bħala l-Messaġġier u l-Profeta tiegħu. L-iskop ċentrali tal-messaġġ tiegħu kien li sseħħ il-paċi interna u esterna permezz tal-għaqda spiritwali ma' Alla l-Waħdieni.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], kif kien jaqbel mal-karattru tiegħu, kien jipprattika dak li jipprietka u kien jipprovdi eżempju ħaj ta' dak kollu li l-Iżlam jgħallem.

L-umiltà, il-verità, it-tolleranza, id-determinazzjoni, il-kuraġġ, u l-għerf jibqgħu jkunu sors kbir ta' illuminazzjoni u jibqa' bħala mudell għall-umanità biex timitah.



Din hija l-Għar Ħira, ħdejn Mekka, fejn il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] irċieva l-ewwel rivelazzjoni.

Lealtà | Ħelsien | Ugwaljanza | Rispett | Paċi

IMĦABBA GĦAL KULĦADD – MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

*A Brief Introduction about the Fundamental Articles and Pillars of Islam, in Maltese language.*

**Mob:** +356 7932 0139 | **Tele:** +356 2734 2401
**Tele:** +356 2132 2105 | **Fax:** +356 2732 2105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

Stampa: © shutterstock.com